# Fil-Qorti tal-Magistrati Malta

**Bhal Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia B.A., LL.M(Kent)., LL.D**

**Illum 7 ta' Ottubru 2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Chantelle Casha)**

**Vs.**

**Antoine Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotta kontra l-imputat Antione Zammit ta' 21 sena, iben Raymond Zammit u Maria Concetta xebba Graham, mwieled Pieta' nhar 05/09/1996 u residenti 9, Triq l-Irlandizi Bormla u detenur tal-karta ta' l-identita numru 406296(m)

Billi int akkuzat talli nhar 26 ta' Dicembru 2017 ghall-habta ta' 10:00Hrs u / jew xi hinijiet wara gewwa ir-residenza 44, San Remo, Entrance A, Flat 4, Triq Temi Zammit, Tarxien u / jew f'dawn il-Gzejjer;

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Aronne Borg, ta' natura gravi jew igibilhu disordni f'mohhu skond kif iccertifikat Dr. Maria Christina Axiaq Reg. No. 4085 ta' Flioriana Helath Centre u dan bi ksur tal-Artikli 214, 215, 216, 222 tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.
2. U aktar talli ikaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Chamaine Lia hekk kif icertifikat minn Dr Maria Christina Axiaq Reg. No. 4085 minn Floriana Health Centre bi ksur tal-artikolu 221 tal-Kapitlu 9 Tal-ligijiet ta' Malta.
3. U aktar talli ghamel lill- Aronne Borg u Charmaine Lia injurji jew theddied u jekk kien provokat, hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur tal-Artiklu 339(1)(e) tal-Kapitlu 9 Tal-ligijiet ta' Malta .
4. U aktar talli fl-istess data hin, lok u cirkustanzi hebb ghall-persuna ta' Aronne Borg u Charmaine Lia sabiex jingurjah, jdejqu w jew jaghmillu hsara u dan bi ksur tal-Artiklu 339(1)(d) tal-Kapitlu 9 Tal-ligijiet ta' Malta,
5. U aktar talli b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta'regolamenti, ikkaġuna ħruq, jew jagħmel xi ħsara jew ħassar jew għarraq xi ħaġa u cioe ghamilt hsara involontarja fuq wall unit u Christmas Tree ghad-detriment ta' Aronne Borg u Charmaine Lia u/ jew persuni ohra dan bi ksur tal-Artiklu 328(c)(d) tal-Kapitlu 9 Tal-ligijiet ta' Malta,

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-piena stabbilita mill-ligi, tordna lill-imsemmi persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandom x'jaqsmu mal-hatra; l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif pruvat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti rat id-dokumenti ipprezentati mill-Prosekuzzjoni: (i) Certifikat mediku, Dok CC u CC2, (ii) Rapport ta' l-incident, Dok CC3, (iv) Dikjarazzjoni tal-istqarrija Dok CC4, (v) Stqarrija Dok CC5.

Semghet lil parte civile tirrinunzja ghal-kwerela li huma ghamlu u ghall-azzjoni kriminali fil-konfront ta' l-imputat sa fejn tali azzjoni hija rinunzzjabbli stante li qed jahfru lill-imputat.

Semghet lill-imputat iwiegeb li huwa hati ghall-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih. Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu ghall-imputazzjonijiet kontestati lilu, inkluz li minhabba n-natura tar-reat il-Qorti setghet tghaddi biex issibu hati u tikkundannah ghal piena li tista tkun anke wahda karcerarja jew pieni ohra statutorji. Il-Qorti, wara li taghtu zmien bizzejjed sabiex anke jikkonsulta mal-Avukat Difensur tieghu u jiddeciedi jekk hux sejjer jerga lura mill-ammissjoni registrata minnu, semghat lill-imputat ittenni li huwa hati tal-imputazzjoni migjuba kontrih.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat**

Illi dan l-incident sehh nhar 26 ta' Dicembru 2017 meta Aronne Borg u Charmaine Lia, l-kwerelanti dahlu l-ghassa ta' Rahal Gdid sabiex jirrapuratw l-imputat, li dak iz-zmien kien l-gharus ta' bint Charmaine Lia, li kien weggahhom fir-residenza taghhom gewwa Hal Tarxien.

**Ikkunsidrat:**

Illi b'amissjoni inkondizzjonata ta' l-imputat ghall-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu waqt is-seduta tas-7 ta' Ottubru 2019 din il-Qorti ma jifdlilhiex triq ohra hlief li ssibu hati tar-reat addebitat lilu u ser tghaddi sabiex tippronunzja s-sentenza fil-konfront tieghu.

Il-Qorti semghet ukoll it-trattazzjoni tal-partijiet inkluz ir-rakkomandazzjoni tal-prosekuzzjoni dwar il-piena.

# Decide

Ghal dawn il-motivi il-Qorti issib lill-imputat hati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih u wara li l-Qorti rat l-artikolu 214, 215, 216 u 222 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur skont l-artikolu 221 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali, sabiex tipprovdi ghaz-zamma tal-Ordni Pubbliku, u b'zieda mal-piena kif hawn fuq inghad, torbot lill-hati ghal perjodu ta' sena (1) mill-lum taht penali ta' elf euro (€1,000).

In vista tar-rinunzja tal-parte civile fil-konfront tat-tieni, it-tielet, ir-raba u l-hames imputazzjoni, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom.

Il-Qorti ghaddiet biex tfisser lill-imputat l-import u l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza fi kliem car u ser tghaddi biex tikkonferma jekk fehemx l-ispjega tal-Qorti dwarhom.

**Moghtija illum is-7 ta' Ottubru 2019 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta.**

**Nadine Lia**

**Magistrat**